




Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2017 Opinjoni tal-FRA

Fl-2016, diversi sforzi kemm fuq livelli tal-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali fittxew li jsaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, waqt li xi miżuri hedew li jkissru din il-protezzjoni. Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2017 tal-FRA jirrevedi l-iżviluppi prinċipali f’dan il-qasam, jidentifika kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta’ tħassib li għad fadal. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta l-opinjoni tal-FRA dwar l-iżviluppi ewlenin fl-oqsma tematiċi koperti u taqsira tal-evidenza li tappoġġa dawn l-opinjoni. Meta tagħmel dan, hija tipprovdi ħarsa ġenerali kompatta iżda informattiva tal-isfidi ewlenin tad-drittijiet fundamentali li qed tiffaċċja kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha.

Werrej

 Bejn wegħda u twestiq: 10 snin ta’ drittijiet fundamentali fl-UE	2
1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri	4
2. Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni	6
3. Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata	8
4. L-integrazzjoni tar-Rom	11
5. Ażil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni	13
6. Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad- <i>data</i>	16
7. Id-drittijiet tat-tfal	18
8. Aċċess għall-ġustizzja inkluż id-drittijiet tal-vittmi ta’ kriminalità	20
9. Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà	22



Bejn wegħda u twettiq: 10 snin ta' drittijiet fundamentali fl-UE

L-10 anniversarju tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) joffri opportunità sabiex wieħed jirrifletti dwar xi wħud mid-dinamiċi li jsostnu l-iżviluppi ewlenin fid-drittijiet fundamentali fl-UE sa mill-2007. Meta jiġu kkunsidrati flimkien, dawn jidhru li jgħidu storja ta' impulsi tewmin. Min-naħa istituzzjonali, l-UE bniet għodod biex tippromwovi u tiproteġi b'mod aħjar id-drittijiet fundamentali. Madankollu, għad baqa' diskrepanzi profondi fl-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-prattika – u f'xi oqsma – qed isiru aktar fondi. L-indirizzar ta' din it-tensjoni jirrikjedi li l-liġi fuq il-kotba tissarraf f'miżuri effettivi biex jiġu ssodisfati d-drittijiet fil-ħajja ta' kuljum tan-nies kollha li jgħixu fl-UE. Barra mir-rikonoxximent li d-drittijiet fundamentali huma prekondizzjoni għat-tfassil tal-liġi u l-politika ta' suċċess, il-fatt li jsir "każ ta' negozju" għad-drittijiet tal-bniedem, "li jingħata wiċċ lid-drittijiet" u l-użu tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi b'mod aktar konsistenti se jkun ta' benefiċċju. Mingħajr kultura ta' drittijiet fundamentali integrata sew li twassal benefiċċji konkreti, bosta nies li jgħixu fl-UE se jħossu sens żgħir wisq li jħaddnu l-valuri tal-Unjoni.

Żviluppi politiċi, soċjali u ekonomiċi riċenti wrew li dak li ħafna drabi fl-aħħar deċennju tqies bħala żvilupp naturali lejn rispett akbar għad-drittijiet fundamentali jista' jitreġġa' lura faċilment. Tista' tintreafa' responsabbiltà għal din ir-rigressjoni mill-fatt li fejn il-leġiżlaturi tal-UE u nazzjonali ċelebraw progress fil-livell formali, dan ħafna drabi ma sarraf f'titjib fil-ħajja tan-nies. Għal ħafna, id-drittijiet fundamentali għadhom kunċett astratt imnaqqax fil-liġi, aktar milli serje ta' għodod effettivi u prattiċi li jistgħu u attwalment jagħmlu differenza fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Din hija verità skomda, u waħda li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tiġi mfakkra b'obbligu dwarha fl-interazzjonijiet tagħha man-nies li d-drittijiet tagħhom spiss jinkisru, u li l-perċezzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom jidhru fl-istħarriġ fuq skala kbira u fil-proġetti fuq is-sit tal-aġenzija.

Meta wieħed iħares lejn il-prestazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-aħħar 10 snin, id-deċennju jista' jidher bħala wieħed ta' narrattivi diverġenti, li jwasslu għall-konklużjonijiet li ġejjin.

Minn naħa waħda, l-UE sarrfet l-impenn fit-tul tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem lil hinn mill-fruntieri tagħha f'sett ta' politiki interni sabiex jiproteġu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali fi ħdan it-28 Stat Membru tal-UE. Żewġ stadji importanti jirriflettu din il-bidla:

- id-dħul fis-seħħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; u
- il-ħolqien tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

Stadju ieħor importanti huwa l-adeżjoni tal-UE fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif meħtieġ mit-Trattat ta' Lisbona.

Min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-prattika għadha raġuni għal tħassib kbir. Dan huwa aggravat minn ambjent politiku li fih partijiet tal-elettorat u r-rappreżentanti tagħhom jidhru li dejjem aktar qed jiddubitaw mhux biss ċerti drittijiet iżda wkoll il-kunċett stess ta' politika bbażata fuq id-drittijiet.



B'farsa 'l quddiem, l-UE u l-Istati Membri tagħha se jkollhom bżonn isibu modi effettivi biex:

- jindirizzaw in-nuqqas ta' fiduċja ta' istituzzjonijiet pubbliċi u theddid perċeput derivat, pereżempju, mill-immigrazzjoni jew mill-globalizzazzjoni;
- jenfasizzaw il-benefiċċji tad-drittijiet fundamentali għal kulħadd fl-UE.

L-Istati Membri tal-UE għadhom ma integrawx b'mod sħiħ "kultura tal-Karta" fil-proċeduri amministrattivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji tagħhom. L-UE la tuża b'mod sħiħ il-potenzjal tad-drittijiet kollha tal-Karta (inkluż drittijiet soċjoekonomiċi), u lanqas il-funzjoni ta' gwida tagħhom fl-attivitajiet tagħha. L-UE ma titlobx b'mod sistematiku pariri soċjolegali indipendenti meta tfassal il-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, l-UE għadha mhijiex aderenti għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u għaldaqstant għadha mhijiex soġġetta għall-ġurisdiżzjoni tal-Qorti

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Barra minn hekk, għadha tippersisti diskrepanza bejn il-politiki interni dwar id-drittijiet fundamentali tal-UE u l-impenn estern tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem.

Li dawn iż-żewġ narrativi jingħaqdu hija sejħa urġenti għal azzjoni sabiex titnaqqas id-diskrepanza bejn il-qafas tad-drittijiet fundamentali fil-prinċipju u r-riżultati tad-drittijiet fundamentali fil-prattika. Dan jitlob li l-atturi kollha jsaħħu l-impenn tagħhom sabiex flimkien jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jirriżultaw f'bidliet veri fil-ħajja tan-nies. Azzjoni mġedda f'dan l-ispirtu biss se tippermettilna nħarsu lura fl-2027 lejn deċennju ta' suċċess li matulu l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu wasslu dak li wiegħdu dwar il-valuri kondiviżi tagħhom ta' "dinjità tal-bniedem, libertà, demokrazija, ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi".

1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tikkomplimenta dokumenti nazzjonali dwar id-drittijiet umani u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani (KEDB). Il-potenzjal tagħha għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ, b'referenzi għaliha fil-qrati, parlamenti u gvernijiet nazzjonali limitati fin-numri u spiss superfiċjali. Madankollu, hemm eżempji li juru li l-Karta żżid il-valur u li tapprofitta mill-pożizzjoni tagħha bħala parti mil-liġi tal-Unjoni, speċjalment f'deċiżjonijiet tal-qorti. Sadanittant, Stati Membri tal-UE jkomplu jkollhom nuqqas ta' politiki mmirati lejn il-promozzjoni tal-Karta – għalkemm l-għarfien dwar il-bżonn li l-professionisti legali jiġu mħarrġa fuq kwistjonijiet relatati mal-Karta jidher li qiegħed jikber.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-UE meta jaġixxu fi ħdan l-ambitu tal-liġi tal-UE. Il-leġiżlatura tal-UE taffettwa, b'mod dirett jew indirett, il-ħajjiet ta' nies li jgħixu fl-UE. Il-liġi tal-UE hija rilevanti fil-maġġoranza tal-oqsma ta' politika. Fid-dawl ta' dan, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għandha tiffirma standard rilevanti meta imħallfin jew uffiċjali pubbliċi fl-Istati Membri jwettqu l-kompiti ta' kuljum tagħhom. L-evidenza tal-FRA tissuġġerixxi, madanakollu, li gudiċaturi u amministrazzjonijiet jaġhmlu biss użu pjuttost limitat tal-Karta fil-livell nazzjonali. Aktar għarfien jista' jikkontribwixxi għal applikazzjoni akbar u aktar konsistenti tal-Karta fil-livell nazzjonali.

L-opinjoni tal-FRA 1.1

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iħeġġu aktar skambju ta' informazzjoni dwar l-esperjenzi u l-approċċi bejn l-imħallfin u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri iżda wkoll tul il-fruntieri nazzjonali. Fl-inkoraġġiment ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jaġhmlu l-aħjar użu minn opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti, bħal dawk taħt il-programm tal-Ġustizzja.

Skont l-Artikolu 51 (qasam tal-applikazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kull leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-liġi tal-UE għandha tikkonforma mal-Karta. Bħal fis-snin li għaddew, l-irwol tal-Karta fi proċessi leġiżlattivi fil-livell nazzjonali baqa' limitat fl-2016: il-Karta mhijix standard li huwa espliċitament u regolarment applikat matul proċeduri ta' skrutinju tal-legalità jew li jivvalutaw l-impatt tal-leġiżlazzjoni li ġejja – filwaqt li strumenti nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem huma sistematikament inklużi f'dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, bħal fis-snin imghoddja, bosta deċiżjonijiet mill-qrati nazzjonali li użaw il-Karta għamlu dan mingħajr ma artikulaw argument raġunat dwar għaliex il-Karta applikat fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ.

L-opinjoni tal-FRA 1.2

Il-qrati nazzjonali, kif ukoll il-gvernijiet u/jew il-parlamenti, jistgħu jikkunsidraw 'skrinjar aktar konsistenti tal-Artikolu 51 (qasam tal-applikazzjoni)' biex jiġi vvalutat fi stadju bikri jekk każ ġudizzjarju jew fajl leġiżlattiv iqajjimx kwistjonijiet skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-iżvilupp ta' manwali standardizzati dwar passi prattiċi biex jiċċekkjaw l-applikabbiltà tal-Karta – s'issa dan huwa biss il-każ fi ftit Stati Membri – jista' jipprovdi lill-prattikanti legali b'għodda biex jivvalutaw b'mod effiċjenti r-rilevanza tal-Karta f'każ jew f'proposta leġiżlattiva partikolari.

Skont l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, l-Istati Membri tal-UE huma obbligati li jirrispettaw u josservaw il-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta, filwaqt li huma meħtieġa wkoll li “jippromwovu” b’mod attiv l-applikazzjoni ta’ dawn il-prinċipji u d-drittijiet. Fid-dawl ta’ dan, wieħed għandu jistenna iktar politiki li jippromwovu l-Karta u d-drittijiet tagħha fil-livell nazzjonali. Billi politiki bħal dawn huma rari, jidher li hemm sforzi miżjuda biex jiġi pprovdut taħriġ tad-drittijiet tal-bniedem għal gruppi professjonali rilevanti.

L-opinjoni tal-FRA 1.3

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fajls u politiki leġiżlattivi rilevanti jiġu ċċekkjati għall-konformità mal-Karta u jżidu l-isforzi biex jiżguraw li l-obbligi tal-Karta jkunu integrati kull meta l-Istati jaġixxu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Dan jista’ jinkludi wkoll tfassil ta’ politika ddedikat biex jippromwovi l-għarfin tad-drittijiet tal-Karta u moduli ta’ taħriġ immigrati fil-kurrikuli rilevanti għall-imħallfin nazzjonali u prattikanti legali oħra. Kif enfasizzat il-FRA fis-snin preċedenti, huwa rrakkomandat għall-Istati Membri li jintegraw it-taħriġ dwar il-Karta fil-qafas usa’ tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-KEDB u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB).

2. Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

L-Istati Membri tal-UE ma laħqux ftehim fuq id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali proposta sal-aħħar tal-2016. Madankollu, diversi Stati Membri komplew jestendu l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet u oqsma tal-ħajja differenti. Deċiżjonijiet varji ta' qrati domestiċi ssalvagwardjaw id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, u diversi sforzi fuq livell internazzjonali, Ewropew u nazzjonali fittxew avvanz fl-ugwaljanza tal-LGBTI. Sadanittant, miżuri u proposti biex jiġi pprobit ċertu lbies qajjem dibattiti dwar il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin, fost biża' kkawżata mit-theddida tat-terroriżmu. Is-sena spiċċat b'rikonoxximent dejjem jikber li l-indirizzar tad-diskriminazzjoni bbażata fuq raġuni waħda jonqos milli jqis il-modi differenti kif in-nies fl-UE jesperjenzaw diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

In-negozjati dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali — id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali — daħlu fit-tmien sena tagħhom fl-2016. L-adozzjoni ta' din id-direttiva ser tiggarrantixxi li l-UE, u l-Istati Membri tagħha joffru qafas legali komprensiv kontra d-diskriminazzjoni fuq dawn ir-raġunijiet fuq bażi ugwali. Sat-tmiem tas-sena, in-negozjati ma kinux laħqu l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill tal-UE, għad-direttiva biex tiġi adottata, b'żewġ Stati Membri li għandhom riżervi ġenerali lejn il-proposta. Bħala riżultat, il-liġi tal-UE għadha mmarkata b'mod effettiv minn ġerarkija ta' bażijiet ta' protezzjoni mid-diskriminazzjoni. L-Artikolu 21 (prinċipju ta' nondiskriminazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprojbixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-lewn, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politiki jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal xi minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jqis li l-Kunsill, jaġixxi b'mod unanimu skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jista' jjeħu azzjoni xierqa biex jiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali.

L-opinjoni tal-FRA 2.1

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jikkunsidra l-possibiltajiet kollha biex jiżgura li d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali proposta tkun adottata malajr biex tiggarrantixxi protezzjoni ugwali kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali madwar l-oqsma ewlenin tal-ħajja.

Bħal fis-snin preċedenti, l-Istati Membri tal-UE estendew il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet addizzjonali u oqsma differenti tal-ħajja fl-2016. Pereżempju, xi Stati Membri introduċew l-istatus soċjo-ekonomiku ta' persuna jew ir-riassenjazzjoni tas-sess bħala raġuni protetta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Stati Membri oħra estendew liġi tan-nondiskriminazzjoni għal oqsma bħall-protezzjoni tal-konsumatur, klawnsoli ta' sensji minħabba l-età u l-età tal-irtirar. Dawn il-passi jikkontribwixxu aktar biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni u jitrawwem trattament ugwali fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ewlenin tal-ħajja.

L-opinjoni tal-FRA 2.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jżidu bażi ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni biex iwessgħu l-kamp tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni.

Fuq sfond ta' tensjoni akbar ikkawżata mit-theddida tat-terroriżmu fl-UE fl-2016, qrati nazzjonali indirizzaw il-mistoqsija ta' meta hu aċċettabbli li jiġu pprobiti ċerti tipi ta' ħwejjeġ partikolari, f'każijiet

relatati pendenti quddiem il-QtĠ-UE. Dawn il-każijiet żvelaw li l-introduzzjoni ta' projbizzjonijiet b'hal dawn huma f'riskju li jaffettwaw b'mod sporozjonat u jwasslu għal diskriminazzjoni kontra nisa Musulmani li jagħżlu li jilbsu ċertu ħwejjeġ b'hal espressjoni tal-identità jew twemmin reliġjuż tagħhom. L-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jggarantixxi d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon ta' kulħadd. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li tbiddel ir-reliġjon jew it-twemmin u l-libertà li turi r-reliġjon jew it-twemmin fil-qima, tagħlim, Prattika u osservanza, waħdek jew f'komunità ma' oħrajn. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' reliġjon jew twemmin. L-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

L-opinjoni tal-FRA 2.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħtu attenzjoni għall-ħtieġa għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali meta jikkunsidraw kwalunkwe projbizzjoni fuq simboli jew ħwejjeġ assoċjati mar-reliġjon. Kwalunkwe proposta leġiżlattiva jew amministrattiva b'dan l-iskop m'għandhiex tillimita b'mod sproportjonat il-libertà li tiġi eżerċitata r-reliġjon. Meta tikkunsidra tali projbizzjonijiet, kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali u l-bżonn ta' proporzjonalità għandhom jiġu integrati mill-bidu.

Is-sena 2016 rat rikonoxximent dejjem jikber li l-indirizzar tad-diskriminazzjoni mill-perspettiva ta' bażi waħda jonqos milli jqis il-modi differenti kif in-nies jesperjenzaw id-diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Dan jidher mit-tendenza kontinwata fil-livell nazzjonali biex jtkabbar il-kamp tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni billi jiżdedu raġunijiet protetti u/jew oqsma tal-ħajja fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti. Madanakollu, l-UE u l-Istati Membri tagħha għad għandhom it-tendenza li ma jitrattawx b'mod espliċitu diskriminazzjoni multipla meta jiżviluppaw strumenti legali u politiċi. Sal-aħħar tal-2016, disa' Stati Membri biss koprew b'mod espliċitu diskriminazzjoni multipla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Tali approċċ jista' jwassal għal rikonoxximent aħjar ta' kif in-nies jesperjenzaw diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u jippermetti t-tfassil ta' direzzjonijiet tal-azzjoni li verament irawmu l-inklużjoni.

L-opinjoni tal-FRA 2.4

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrikonoxxu diskriminazzjoni multipla u inter-settorjali meta jiżviluppaw u jimplimentaw strumenti legali u ta' politika biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni, irawmu trattament ugwali u jipromwovu l-inklużjoni.

3. Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata

Reazzjonijiet razzisti u ksenofobiċi lejn refuġjati, dawk li qed ifittxu ažił u migranti ppersistew madwar l-Unjoni Ewropea fl-2016. Il-Musulmani esperjenzaw ostilità u intolleranza dejjem tikber, waqt li diskriminazzjoni u anti-Żingariżmu komplew jaffettwaw lil ħafna Rom. Il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet Grupp ta' Livell Għoli għall-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza sabiex jiġu appoġġjati sforzi nazzjonali f'dan il-qasam, kif ukoll biex topponi reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda. Stati Membri tal-UE mmiraw ir-reati ta' mibegħda b'diversi modi, billi rrieżaminaw klassifikazzjonijiet ta' motivazzjonijiet għal preġudizzju, twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u għoti ta' taħriġ speċjalizzat lil uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u prosekuturi. Sadanittant, il-Kummissjoni Ewropea kompliet issegwi l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Sfidi rikorrenti jinkludu impedimenti varji għall-effikaċja u l-indipendenza ta' korpi tal-ugwaljanza, profiljar etniku diskriminatorju u nuqqas ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali sabiex jiġi miġġieled ir-razziżmu.

Reazzjonijiet razzisti u ksenofobiċi għall-wasla ta' refuġjati, persuni li jfittxu l-ažił u migranti fl-UE li mmarkaw l-2015 komplew mingħajr waqfien fl-2016. Dawn kienu jinkludu diskors ta' mibegħda, theddid, reati ta' mibegħda u anke qtil. Madankollu ftit ħafna mill-Istati Membri jiġbru data dwar inċidenti mmirati lejn refuġjati, persuni li jfittxu l-ažił u migranti. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas tal-UE dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, li jiddiskrivi miżuri li għandhom jieħdu l-Istati Membri biex jikkastigaw imġiba razzista u ksenofobika intenzjonata. L-Artikolu 4 (a) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD) jobbliga lill-partijiet tal-Istat sabiex jagħmlu l-inċitament għal diskriminazzjoni razzjali, kif ukoll l-atti ta' vjolenza kontra kull razza jew grupp ta' persuni, reati punibbli bil-liġi. L-Istati Membri tal-UE kollha huma partijiet tal-ICERD.

L-opinjoni tal-FRA 3.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li kull każ ta' allegat reat ta' mibegħda jew diskors ta' mibegħda — inklużi dawk immirati speċifikament lejn persuni li jfittxu l-ažił, refuġjati u migranti — jiġi investigat, imħarrek u ġġudikat b'mod effettiv. Dan jeħtieġ li jsir skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli u, fejn rilevanti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-UE dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, obbligi Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll każistika tal-QEDB fuq reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiġbru data aktar dettaljata dwar inċidenti li jimmiraw speċifikament refuġjati, persuni li jfittxu l-ažił u migranti.

Ftit Stati Membri ddedikaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni razzjali, ir-razziżmu jew l-ksenofobija fis-seħħ fl-2016. Dan huwa l-każ anke jekk id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban tan-Nazzjonijiet Uniti li jirriżulta mill-Konferenza Dinjija kontra r-Razziżmu, id-Diskriminazzjoni Razzista, il-Ksenofobija u Intolleranza Relatata jassenja lill-Istati r-responsabbiltà primarja għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. L-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet tista' tipprovdi lill-Istati Membri tal-UE

b'mezz effettiv biex tassigura li ssodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija. Il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forum oħrajn ta' intolleranza – iffurmat f'Ġunju 2016 – jipprovdli lill-Istati Membri tal-UE b'forum għal skambju ta' prattiċi biex jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess ta' pjanijiet ta' azzjoni bħal dawn.

L-opinjoni tal-FRA 3.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali speċifiċi biex jiġġieldu r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzista, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jsegwu l-gwida eżawrjenti u prattika mogħtija mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar kif tiżviluppa pjanijiet speċifiċi bħal dawn. F'konformità ma' din il-gwida, il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jistabbilixxu objettivi u azzjonijiet, jassenjaw korpi statali responsabbli, jistabbilixxu dati fil-mira, jinkludu indikaturi ta' prestazzjoni, u jipprovdu għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Data miġbura u diżaggregata b'mod sistematiku dwar inċidenti ta' diskriminazzjoni etnika, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda tista' tikkontribwixxi għal applikazzjoni aħjar tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija. Data bħal din tiffaċilita wkoll evalwazzjonijiet ta' politika u pjanijiet ta' azzjoni biex jipprevjenu u jiġġieldu r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. Evidenza miġbura mill-FRA turi, madankollu, li diskrepanzi persistenti jibqgħu fil-mod li l-Istati Membri tal-UE jirreġistraw inċidenti ta' diskriminazzjoni etnika u reati ta' razziżmu. Inċidenti mhux irrappurtati jibqgħu inviżibbli u jipprekludu vittmi milli jfittxu rimedju. Dan huwa partikolarment rilevanti meta wieħed iqis l-obbligu tal-Istati Membri tal-UE biex jiżgura b'mod attiv il-protezzjoni effettiva tal-vittmi u jigarantixxi l-aċċess tagħhom għal protezzjoni u rimedji effettivi skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forum Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali. Permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu, il-Ksenofobija u forum oħrajn ta' intolleranza, il-FRA tkompli taħdem mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali biex tgħin fit-titjib tar-reġistrazzjoni ta' u l-kollezzjoni ta' data dwar reati ta' mibegħda.

L-opinjoni tal-FRA 3.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu sforz biex b'mod sistematiku jirreġistraw, jiġbru u jipubblikaw ta' kull sena data komparabbli dwar diskriminazzjoni etnika u reati ta' mibegħda sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw reazzjonijiet legali u ta' politika, effettivi bbażati fuq l-evidenza għal dawn il-fenomeni. Din id-data għandha tinkludi motivazzjonijiet parzjali differenti, kif ukoll karatteristiċi oħrajn bħall-postijiet tal-inċidenti u informazzjoni anonimizzata dwar il-vittmi u l-awturi. Kwalunkwe data għandha tinġabar skont l-oqfsa legali nazzjonali u l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE.

Evidenza mill-2016 turi li għadd ta' korpi tal-ugwaljanza affaċċjaw tnaqqis baġitarju u fl-ammont ta' impjegati jew emendi leġiżlattivi relatati mal-mandati tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament effettiv tagħhom. L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jeħtieġ lill-Istati Membri tal-UE kollha biex jaħtru korp jew korpi tal-ugwaljanza għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini razzjali jew etnika. Madankollu, id-direttiva tipprovdli biss standards minimi għall-kompetenzi ta' korpi tal-ugwaljanza. Fil-kuntest tal-protezzjoni tad-data, il-liġi tal-UE tirreferi b'mod espliċitu għall-indipendenza u tiddefinixxi dawn l-indipendenzi x'jeħtieġu. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, adottat fl-2016 jitlob għal "riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, bini u infrastruttura" suffiċjenti għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data.

L-opinjoni tal-FRA 3.4

L-Istati Membri tal-UE għandhom jallokaw għal korpi tal-ugwaljanza, ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, il-bini u l-infrastruttura neċessarji biex ikunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom u jużaw is-setgħat tagħhom fil-mandat legali b'mod effettiv u indipendenti.

Membri ta' gruppi ta' minoranza etnika komplew jaffaċċjaw profilar etniku diskriminatorju mill-pulizija fl-2016 fl-isfond ta' tensjoni akbar ikkawżata minn attacchi terroristiċi fl-Istati Membri tal-UE. Din il-prattika tikkontradixxi l-prinċipji tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forum Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, Artikolu 14 (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll il-liġi primarja u sekondarja tal-UE. Taħriġ u monitoraġġ intern jista' jgħin biex jiġi skopert immirar sproporzjonat ta' minoranzi etniċi u jwassal għal azzjoni korrettiva mill-awtoritajiet rilevanti.

L-opinjoni tal-FRA 3.5

L-Istati Membri għandhom itemmu forom diskriminatorji ta' tfassil ta' profil etniku. Dan jista' jinkiseb billi jiġi pprovdut taħriġ sistematiku dwar liġi kontra d-diskriminazzjoni lill-uffiċjali għall-infurzjar tal-liġi, kif ukoll billi wieħed jippermettilhom li jifhmu aħjar preġudizzju inkuxjenti u jisfidaw sterjotipi u preġudizzji. Tali taħriġ jista' wkoll iqajjem kuxjenza dwar il-konsegwenzi ta' diskriminazzjoni u dwar kif għandha tiżdied il-fiduċja fil-pulizija fost il-pubbliku. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkonsidraw li jirreġistraw l-użu ta' setgħat tal-kontrolli u t-tiftix, u b'mod partikolari jirreġistraw l-etniċità ta' dawk soġġetti għall-kontrolli, skont l-oqfsa legali nazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data tal-UE.



4. L-integrazzjoni tar-Rom

Minkejja l-għanijiet ambizzjużi mfassla mill-istrategġiji ta' integrazzjoni tar-Rom nazzjonali u l-kontribuzzjoni sinifikanti ta' fondi tal-UE, fl-2016 kien hemm biss ftit progress viżibbli. Matul l-aħħar sena, evidenza dwar is-sitwazzjoni tar-Rom fl-impjegi, fl-edukazzjoni, fl-akkomodazzjoni u s-saħħa turi li l-progress kien miexi bil-mod fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strategġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom. Diskriminazzjoni u anti-Żingariżmu jippersistu, u segregazzjoni de facto fl-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni tkompli taffettwa lil ħafna Rom. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali propost jista' jagħti impetu għdid għall-isforzi ta' integrazzjoni tar-Rom, jekk jinkludi referenzi espliċiti għad-dritt ta' nondiskriminazzjoni garantit minn Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Matul l-2016, nies Rom madwar l-UE komplew jiffaċjaw diskriminazzjoni, segregazzjoni u esklużjoni soċjali. Il-progress limitat fl-implimentazzjoni ta' strategġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom juri l-ħtieġa għal reviżjoni bir-reqqa tal-interventi proposti u pjanati. Hemm ukoll ħtieġa għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tar-Rom, partikolarment fil-livell lokali. Sabiex l-integrazzjoni tar-Rom fil-livell lokali tirnexxi, l-involviment attiv tal-partijiet interessati multipli hu ta' importanza kbira, inklużi awtoritajiet lokali, soċjetà ċivili u rappreżentanti tas-setturi kollha tal-popolazzjoni lokali. Parteċipazzjoni fil-livell nazzjonali teħtieġ li tiġi tradotta f'ingaġġ fil-livell lokali tar-Rom u li awtoritajiet lokali jipproduċu riżultati tanġibbli fuq il-bażi li jistgħu jiġu mmonitorjati.

L-opinjoni tal-FRA 4.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu l-istrategġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom (jew sett ta' miżuri ta' politika integrata) biex jiżguraw li r-Rom infushom ikollhom is-setgħa li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-proċess ta' inklużjoni tar-Rom. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jimplementaw b'mod espliċitu miżuri speċifiċi biex jipromwovu l-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti u l-involviment tar-Rom, speċjalment fil-livell lokali.

Is-sejbiet tat-tieni mewġa tal-FRA tal-Istħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II) juru li r-Rom komplew jiġu ddiskriminati minħabba l-etniċità tagħhom fl-2016. Huma jiffaċċjaw esklużjoni soċjali u marġinalizzazzjoni, aggravati mill-faqar, u huma vittmi ta' reati ta' mibegħda. Il-Maġġoranza tar-Rom li jgħixu fl-UE għadhom ma jgawdux mid-dritt tagħhom kontra d-diskriminazzjoni

kif rikonoxxut skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u strumenti oħrajn Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tagħmel illegali d-diskriminazzjoni etnika u d-Deċiżjoni Qafas tal-UE dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija teħtieġ sanzjonijiet kriminali, miżuri legali bħal dawn waħedhom mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni tar-Rom. Dawn jeħtieġu li jiġu kkombinati ma' politiki ta' inklużjoni attivi biex jindirizzaw l-inugwaljanza razzjali u l-faqar li spiss jesperjenzaw ir-Rom.

L-opinjoni tal-FRA 4.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw l-infurzar effettiv tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni persistenti kontra r-Rom u l-anti-žingariżmu. Huma għandhom jadottaw miżuri ta' politika espliċiti biex jindirizzaw l-anti-žingariżmu fl-istrategġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jew sett ta' miżuri ta' politika integrata.

Is-sejbiet tat-tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II) tal-FRA juri li x-xogħol huwa qasam fejn id-diskriminazzjoni kontra r-Rom tqanqal katina ta' vulnerabilitajiet oħrajn – b'mod partikolari, fir-rigward ta' dħul, edukazzjoni u kundizzjonijiet tal-abitazzjoni. Unitajiet domestiċi sħaħ, u mhux biss il-persuni qiegħda, iġorru l-implikazzjonijiet negattivi tal-qgħad. Tfal tar-Rom u nisa tar-Rom jikkostitwixxu gruppi partikolarment vulnerabbli bid-drittijiet tagħhom f'riskju ta' vjolazzjoni.

L-opinjoni tal-FRA 4.3

L-UE għandha tikkunsidra li tinkludi l-integrazzjoni tar-Rom fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali propost. Il-pilastru għandu jipprevedi dispożizzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw ir-riskju ta' diskriminazzjoni strutturali, billi, per eżempju, isahha id-dispożizzjonijiet għal trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol u jiżgura li popolazzjonijiet marġinali jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv.

It-traċċar tal-progress tal-integrazzjoni tar-Rom jeħtieġ *data* solida — kemm fuq il-miżuri meħuda, il-proċessi u r-riżultati tagħhom għall-poplu. Jeħtieġ li jsir aktar xogħol biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' ġbir ta' *data* robusta u monitoraġġ solidu tal-integrazzjoni tar-Rom. Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar inizzjattivi ta' politika tal-UE u appoġġ finanzjarju għall-integrazzjoni tar-Rom kkonferma din il-ħtieġa. Dan sab li n-nuqqas ta' *data* komprensiva robusta jibqa' problematiku mhux biss fir-rigward tal-proġetti, iżda wkoll għat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali u tal-UE. Madankollu, l-għodod li jippermettu għal monitoraġġ solidu jeżistu u l-atturi rilevanti jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-għodod.

L-opinjoni tal-FRA 4.4

L-Istati Membri tal-UE għandhom — skont l-oqfsa legali nazzjonali, il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u bl-impenn attiv u sinifikanti ta' komunitajiet tar-Rom — jiġbru data anonimizzata diżaggregata skont l-identità etnika, li tippermetti l-ewalwazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u politiki dwar l-inklużjoni tar-Rom. Il-Eurostat jista' jinkludi mistoqsijiet rilevanti fl-istħarriġ fuq skala kbira, bħall-istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjt u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien, b'hekk isegwi r-rakkomandazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw jew jużaw għodod ta' monitoraġġ eżistenti tal-istrateġiji nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom biex jivvalutaw l-impatt tal-miżuri tal-integrazzjoni tar-Rom.



5. Ażil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni

Aktar minn 5,000 persuna mietu huma u jippruvaw jaqsmu l-baħar sabiex jidħlu fl-Ewropa fl-2016, anke jekk wasliet irregolari mill-baħar naqsu b'aktar minn 60 % mill-2015, b'total ta' madwar 350,000 fl-2016. Ġew proposti bidliet b'firxa wiesgħa għas-sistema Ewropea ta' ażil, filwaqt li ġew intensifikati l-isforzi sabiex titjeb l-effikaċja ta' politiki ta' ritorn. Mezzi legali sabiex tintlaħaq is-sigurtà fl-Ewropa baqgħu illużjoni għal ħafna migranti, minħabba restrizzjonijiet ġodda għar-riunifikazzjoni tal-familja f'ċerti Stati Membri tal-UE li bbilanċjaw il-progress żgħir miksub fl-ammissjonijiet umanitarji. Is-sistemi ta' teknoloġija tal-informatika ġew imsaħħa sabiex jikkombattu b'mod aħjar il-migrazzjoni irregolari u jirrispondu għal theddid ta' reati serji. Sadanittant, l-integrazzjoni tan-numru sinifikanti ta' nies li ngħataw protezzjoni internazzjonali rriżultat li kienet waħda mhux faċli, anki fil-kuntest edukattiv.

Fl-2016, istituzzjonijiet u Stati Membri tal-UE għamlu sforzi sinifikanti biex jiżviluppaw aktar sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u għall-finijiet ta' sigurtà interna. Sistemi eżistenti ġew modifikati u ġew proposti sistemi ġodda. Għall-ġejjieni, il-pjan hu li dawn is-sistemi jsiru 'interoperabbli', b'hekk jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex ikollhom aċċess għal sistemi multipli b'mod simultanju. Pubblikazzjoni li jmiss tal-FRA dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE se tindirizza t-tħassib relatat mad-drittijiet fundamentali. F'ħafna każijiet, l-impatt tad-drittijiet fundamentali ta' sistemi ta' informazzjoni ma jkunx viżibbli immedjatament. Il-konsegwenzi tal-ħażna ta' data personali b'mod żbaljat jistgħu jaffettwaw individwu snin wara biss – per eżempju, meta japplika għall-viża jew għal permess ta' residenza. L-Artikolu 8 (protezzjoni tad-data personali) tal-Karta tad-Drittijiet Fundmentali tal-UE u b'mod partikolari, il-prinċipju tagħha tal-limitazzjoni tal-iskop (jiġifieri, id-data tintuża biss għall-iskop li għalih tkun inġabret) huwa standard ċentrali meta jiġu żviluppati soluzzjonijiet tekniċi biex itejbu l-interoperabilità bejn sistemi ta' informazzjoni. Għalhekk, kull pass biex jittejjbu sistemi ta' informazzjoni eżistenti u jinħolqu oħrajn ġodda għandu jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali komprensiva.

L-opinjoni tal-FRA 5.1

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni jkunu mfasla b'tali mod li l-uffiċjali li jimmaniġġjaw id-data li hemm fihom jistgħu jaċċessaw biss data skont il-profil tax-xogħol tagħhom. L-Uffiċjali għandu jkollhom aċċess biss għad-data rilevanti għall-kompiti speċifiċi li jkunu qed iwettqu f'mument partikolari, u jkunu konxji bis-sħiħ ta' liema bażijiet ta' data qed jikkonsultaw. Peress li interoperabbiltà tisser li aktar data – inkluża data bijometrika – hija aktar faċilment aċċessibbli, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw standards ta' kwalità u proċeduri amministrattivi biex jiżguraw l-eżattezza tad-data u jlimitaw ir-riskji ta' qsim ta' data mhux awtorizzat ma' partijiet jew ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, għandhom jintroduċu salvagwardji speċifiċi biex jiggarrantixxu li l-interoperabbiltà ma twassalx għal effetti negattivi fuq id-drittijiet ta' persuni vulnerabbli, bħal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jew tfa, jew għal tfassil ta' profil diskriminatorju.

L-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif ukoll liġi tal-UE sekondarja fil-qasam tal-ażil u r-ritorn, jirrikjedi lill-Istati Membri jeżaminaw f'kull każ individwali l-vijabbiltà ta' miżuri inqas stretti qabel jirrikorru għaċ-ċaħda tal-libertà. Sat-tmiem tal-2016, l-Istati Membri kollha tal-UE pprovdew għal alternattivi għad-detenzjoni fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, għalkemm f'xi każijiet għal ċerti kategoriji biss. Madanakollu, l-inklużjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fiha nnifisha mhix garanzija li dawn huma applikati. Fil-prattika, l-alternattivi jibqgħu ftit li xejn użati.

L-opinjoni tal-FRA 5.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom jeħtieġu lill-awtoritajiet responsabbli biex jeżaminaw f'kull każ individwali jekk objettiv leġittimu jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri anqas koerżivi qabel ma tinħareġ ordni ta' detenzjoni. Jekk dan mhux il-każ, l-awtoritajiet għandhom jipprovdu raġunijiet ta' fatt u ta' liġi.

Mogħdijiet legali biex tintlaħaq is-sigurtà komplew ikunu illużorji għal ħafna refuġjati. Kien hemm xi progress dwar ir-risistemazzjoni fl-2016, iżda dan ġie kontrobalanċjat f'dak li jikkonċerna r-riunifikazzjoni tal-familja, b'diversi Stati Membri tal-UE li introduċew restrizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Kwalunkwe azzjoni meħuda minn Stati Membri, meta jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE, għandha tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji tal-karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li fiha stabbilit, fl-Artikolu 7 id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Fil-każ ta' refuġjati u persuni mogħtija protezzjoni sussidjarja, ġeneralment jista' jiġi preżunt li ostakli insormontabbli jipprevjenu lill-familji tagħhom milli jgħixu fil-pajjiż ta' orijini u li wieħed jistabbillixxi ħajja tal-familja f'pajjiż ta' tranżitu normalment mhijiex għażla.

L-opinjoni tal-FRA 5.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-użu ta' taħlita ta' skemi relatati mar-refuġjati u skemi ta' mobbiltà regolari, aktar faċli biex jintużaw mir-refuġjati biex jippromwovu metodi legali lejn l-UE. F'dan il-kuntest, huma għandhom iżommu lura milli jadottaw leġiżlazzjoni li tirriżulta fit-tfixkil, fil-prevenzjoni jew fid-dewmien b'mod sinifikanti tar-riunifikazzjoni tal-familja ta' persuni mogħtija l-protezzjoni internazzjonali.

L-UE tista' tikkunsidra li tirregola r-riunifikazzjoni ta' detenturi ta' status ta' protezzjoni sussidjarja biex tindirizza l-approċċi differenti meħuda mill-Istati Membri.

Li tiddefendi d-dritt għall-edukazzjoni ta' kull wild fil-moviment kontinwu tal-familji migranti u refuġjati fl-UE hija responsabbiltà ewlenija għall-Istati Membri tal-UE. L-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal jiggarrantixxu d-dritt għall-edukazzjoni lil kull wild, inklużi tfal migranti u refuġjati. Li wieħed jiżgura li t-tfal kollha jgawdu d-dritt tagħhom għall-edukazzjoni mhux ser jibbenefika lilhom biss, iżda wkoll lis-soċjetajiet li ser jgħixu fihom. Dan jenfasizza li huwa importanti u ta' benefiċċju kemm għall-ekonomija kif ukoll għas-soċjetà inġenerali li jinvestu fid-drittijiet tal-bniedem. Is-sena 2016 turi li l-maġġoranza tal-Istati Membri pprovdew appoġġ lingwistiku u għandhom l-għan li jintegraw tfal refuġjati u migranti fi klassijiet regolari, jippermettulhom li jissoċjalizzaw ma' tfal oħrajn u jinvestu f'koeżjoni soċjali fit-tul u sostenibbli. Madankollu, il-livell ta' edukazzjoni separata u segregata jibqgħu għoli wisq.

L-opinjoni tal-FRA 5.4

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li tfal migranti u refuġjati jkunu appoġġjati permezz ta' appoġġ lingwistiku, soċjali u psikoloġiku bbażat fuq valutazzjonijiet individwali tal-bżonnijiet tagħhom. Dan jippreparahom biex jattendu l-iskola u jintegraw b'suċċess fl-edukazzjoni u fil-komunitajiet lokali. Għandhom ikunu fis-seħħ politiki u miżuri biex jiġu evitati l-edukazzjoni separata u s-segregazzjoni u biex jippromwovu l-aċċess għal klassijiet regolari u għas-sistema edukattiva ewlenija lil tfal migranti u refuġjati.

L-evidenza tal-FRA turi li fl-2016 il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE żiedu l-isforzi tagħhom biex jintroduċu lit-tfal migranti u refuġjati fl-edukazzjoni u jappoġġjaw l-integrazzjoni tagħhom. Madanakollu, fi ftit każijiet, għad hemm tfal migranti u refuġjati li ma jattendux skola, u xi komunitajiet lokali u ġenituri ta' tfal nattivi jirreaġixxu b'mod negattiv lejn jew saħansitra bi vjolenza kontra l-edukazzjoni tagħhom flimkien ma' tfal oħrajn. Espressjonijiet ta' intolleranza u mibegħda lejn tfal migranti u refuġjati u l-familji tagħhom li jwasslu għaċ-ċaħda tad-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u l-mibegħda. Li wieħed jindirizza t-tħassib tal-ġenituri jista' jappoġġja l-integrazzjoni u jippromwovi l-parteċipazzjoni ta' migranti u refuġjati fil-komunitajiet lokali.

L-opinjoni tal-FRA 5.5

L-Istati Membri tal-UE għandhom jindirizzaw b'mod adegwat ir-reazzjonijiet diskriminatorji jew vjolenti kontra l-edukazzjoni ta' tfal migranti u refuġjati, kemm permezz tal-infurzar tal-liġi kif ukoll bil-promozzjoni ta' fehim reċiproku u koeżjoni soċjali. Huma għandhom japplikaw miżuri pożittivi biex jiġġieldu l-preġudizzji u jgħinu biex jeqirdu tħassib bla bażi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jinfurzwu liġijiet u regoli kontra d-diskriminazzjoni u r-reati instigati mill-mibegħda fuq kwalunkwe bażi – inklużi l-oriġini etnika, ir-razza u r-reliġjon – li huma fis-seħħ fl-Istati Membri kollha tal-UE.

L-involvement tal-ġenituri u l-familji tat-tfal fil-ħajja skolastika u l-appoġġ tal-isforzi tagħhom biex ikunu involuti hija parti kruċjali tal-proċess ta' edukazzjoni u integrazzjoni. Terz mill-Istati Membri tal-UE jipprovdu miżuri biex jappoġġjaw u jinkoraġġixxu lill-ġenituri u lill-familji ta' tfal migranti u refuġjati billi jinvolvuhom fil-proċess edukattiv permezz ta' informazzjoni, medjazzjoni u appoġġ lingwistiku. Tali miżuri jistgħu jtejbu l-prestazzjoni tat-tfal fl-iskola, l-integrazzjoni tagħhom u tal-familji tagħhom fl-edukazzjoni u fil-komunitajiet lokali, u jrawmu relazzjonijiet komunitarji aħjar. In-Netwerk Ewropew għall-Integrazzjoni, li l-istatus tiegħu ġie mtejjeb permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Integrazzjoni imniedi f'Ġunju tal-2016, huwa qafas u spazju adegwat għall-iskambju tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri kemm biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex jinvestu b'suċċess f'soċjetajiet aktar koeżivi u inklussivi.

L-opinjoni tal-FRA 5.6

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiskambjaw prattiki tajbin u esperjenzi fl-integrazzjoni permezz tal-edukazzjoni, jipromwovu l-parteċipazzjoni tal-ġenituri u l-familji tat-tfal fil-ħajja skolastika, u jagħmlu d-dritt għall-edukazzjoni realtà għat-tfal kollha.

6. Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad-data

L-attakki terroristiċi ta' din is-sena fi Brussell, Nizza u Berlin aktar intensifikaw dibattiti dwar modi kif jista' jiġi miġġieled it-terroriżmu b'mod effettiv f'konformità mal-istat tad-dritt. Ittieħdu għadd ta' passi f'dan ir-rigward kemm f'livelli tal-UE kif ukoll f'dawk nazzjonali. Dawn jinkludu riformi nazzjonali fuq miżuri ta' sorveljanza, konsultazzjonijiet fuq kriptaġġ ta' data u l-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR). Sadanittant, l-adozzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR, General Data Protection Regulation) u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data għall-pulizija u s-settur tal-ġustizzja kriminali (Direttiva dwar il-Pulizija) ikkostitwixxew pass kruċjali lejn reġim ta' protezzjoni tad-data modernizzat u aktar effettiv. Fl-2016, l-UE ma pproponietx leġiżlazzjoni rieżaminata b'rispons għall-invalidazzjoni preċedenti tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data tal-QtĠ-UE, iżda każistika ġdida tal-QtĠ-UE kompliet tiċċara kif żamma tad-data tista' tkun konformi mar-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali.

L-evidenza tal-FRA, li tibni fuq ir-riċerka dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' sorveljanza fuq skala kbira mwettqa fuq talba tal-Parlament Ewropew, turi li numru ta' Stati Membri tal-UE rirformaw l-oqfsa legali tagħhom relatati mal-ġbir ta' intelliġenza matul is-sena. Promulgati f'nofs mewġa ta' attakki terroristiċi, dawn il-bidliet saħħew is-setgħat u l-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-awtoritajiet rilevanti u jistgħu jżidu il-poteri intrużivi tagħhom — b'implikazzjonijiet possibbli għad-drittijiet fundamentali dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu gwida essenzjali dwar kif l-aħjar jitħarsu dawn id-drittijiet. Salvagwardji legali jinkludu: garanziji sostantivi u proċedurali tal-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' miżura; sorveljanza indipendenti u l-garanzija ta' mekkaniżmi ta' rimedju effettivi; u regoli dwar l-għoti ta' evidenza dwar jekk individwu huwiex jiġi soġġett għal sorveljanza. Konsultazzjonijiet mifruxa jistgħu jgħinu biex jiżguraw li r-riformi tal-liġi ta' intelliġenza jipprevedu funzjonament leġittimu aktar effettiv tas-servizzi u jiksibu l-appoġġ taċ-ċittadini.

L-opinjoni tal-FRA 6.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jidħlu f'konsultazzjoni pubblika wiesgħa ma' firxa sħiħa ta' partijiet kkonċernati, jiżguraw it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv, u jinkorporaw standards u salvagwardji internazzjonali u Ewropej rilevanti meta jintroduċu riformi fil-leġiżlazzjoni tagħhom dwar is-sorveljanza.

Il-kriptaġġ huwa forsi l-aktar teknika aċċessibbli għat-titjib tal-privatezza. Huwa metodu rikonoxxut għall-iżgurar tal-ipproċessar tad-data sikur fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) kif ukoll id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Madanakollu, il-protezzjoni li tipprovdi hija użata wkoll għal skopijiet illegali u kriminali. Il-firxa ta' servizzi li jipprovdu kriptaġġ minn tarf għall-ieħor tkompli żżid it-tensjoni bejn l-iżgurar tal-privatezza u l-ġlieda kontra l-kriminalità, minħabba li dawn, fit-fassil, jipprevjenu jew jagħmlu aktar diffiċli l-aċċess għal data kriptata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Biex tingħeleb din l-isfida, xi Stati Membri bdew jikkunsidraw — jew diġà promulgaw — leġiżlazzjoni li teħtieġ li l-fornituri tas-servizz ikollhom backdoors ta' kriptaġġ integrati li, fuq talba, jippermettu aċċess għal kwalunkwe data kriptata permezz ta' infurzar tal-liġi u servizzi sigrieti. Madankollu, kif kien innutat minn ħafna, tali backdoors integrati jistgħu jwasslu għal dgħajfien ġenerali tal-kriptaġġ, minħabba li dawn jistgħu jiġu skoperti u sfruttati minn kwalunkwe

persuna b'għarfien espert tekniku suffiċjenti. Tali espożizzjoni tista' tmur kontra dak li teħtieġ il-protezzjoni tad-*data* u tista' mingħajr diskriminanza taffettwa s-sigurtà tal-komunikazzjonijiet u *data* maħżuna ta' stati, negozji u individwi.

L-opinjoni tal-FRA 6.2

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-miżuri biex jingħelbu l-isfidi ta' kriptaġġ ikunu proporzjonati mal-għan leġittimu tal-għlieda kontra l-kriminalità u ma jinterferixxux mingħajr ġustifikazzjoni d-drittijiet għal haġja privata u l-protezzjoni tad-*data*.*

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, li ser jibda japplika mill-2018, jistabbilixxi standards imtejba għall-kisba ta' protezzjoni effettiva u adegwata tad-*data* personali. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* ser ikollhom rwol saħansitra aktar sinifikanti fis-salvagwardja tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data*. Kull att legali għdid fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* ser ikollu jirrispetta l-istandards imtejba msemmija fir-regolament. Pereżempju, fl-2016 l-UE adottat deċizzjoni ta' adegwatezza għall-iskop ta' trasferimenti ta' *data* internazzjonali: it-Tarka tal-Privatezza UE-US. Din id-deċizzjoni tiddikjara b'mod espliċitu li l-Kummissjoni Ewropea ser tevalwa b'mod regolari jekk il-kundizzjonijiet għall-adeqwatezza għadhomx garantiti. Jekk din il-valutazzjoni tkun inkonklużiva wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, id-deċizzjoni tafterma li l-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi t-Tarka tal-Privatezza. Barra minn hekk, fl-2016, l-UE adottat l-ewwel leġiżlazzjoni tagħha dwar iċ-ċibersigurtà – id-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infurmazzjoni – u, fil-bidu tal-2017, fil-kuntest tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, il-Kummissjoni pproponiet Regolament dwar il-Privatezza Elettronika biex jissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

L-opinjoni tal-FRA 6.3

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jittrasponu d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infurmazzjoni fl-oqfsa legali nazzjonali tagħhom b'mod li jikkunsidra l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-prinċipji stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. L-Istati Membri u l-kumpaniji għandhom jaġixxu wkoll f'konformità ma' dawn l-istandards meta jipproċessaw jew jittrasferixxu *data* personali bbażata fuq ir-Tarka tal-Privatezza UE-US.*

Filwaqt li l-iżviluppi fl-2014 iffukaw fuq il-mistoqsija dwar jekk id-*data* għandiex tinżamm jew le, fl-2015

deher biċ-ċar li l-Istati Membri tal-UE jqisu ż-żamma tad-*data* bħala miżura effiċjenti biex jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika u l-għlieda kontra l-kriminalità serja. Kien hemm progress limitat dwar il-kwistjoni fl-2016: filwaqt li l-UE ma pproponiet l-ebda leġiżlazzjoni riveduta bi twegħiba għall-invalidazzjoni tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' *Data* sentejn qabel, il-QtĠ-UE żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar is-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali essenzjali għal-legalità taż-żamma tad-*data* mill-fornituri tat-telekomunikazzjoni.

L-opinjoni tal-FRA 6.4

*L-Istati Membri tal-UE għandhom, fi ħdan l-oqfsa nazzjonali tagħhom dwar iż-żamma tad-*data*, jevitaw żamma tad-*data* ġenerali u indiskriminata mill-fornituri tat-telekomunikazzjoni. Il-liġi nazzjonali għandha tinkludi kontrolli tal-proporzjonalità stretti kif ukoll salvagwardji proċedurali xierqa sabiex id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali jkunu effettivament garantiti.*

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew (LIBE) irrifjuta l-proposta għal Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) tal-UE f'April 2013 minħabba tħassib dwar il-proporzjonalità u l-ħtieġa, u nuqqas ta' salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* u trasparenza lejn il-passiġġieri. B'enfasi fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità serja, il-leġiżlatura tal-UE fl-2016 laħqet ftehim dwar id-Direttiva PNR tal-UE riveduta u adottat it-test. L-Istati Membri għandhom jittrasponu d-direttiva fil-liġi nazzjonali sa Mejju 2018. It-test adottat jinkludi salvagwardji mtejba li huma konformi mas-suġġerimenti tal-FRA fl-Opinjoni tagħha tal-2011 dwar is-sistema ta' għbir ta' *data* tal-PNR tal-UE. Dawn jinkludu rekwiżiti, aċċessibbiltà u proporzjonalità mtejba, kif ukoll aktar salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data*. Madankollu, hemm xi aspetti tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li d-direttiva ma tkoprihomx.

L-opinjoni tal-FRA 6.5

*L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* biex jiżguraw li l-oġġetti standards tad-drittijiet fundamentali jkunu fis-seħħ. Dan japplika wkoll għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) tal-UE. Fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti tal-QtĠ-UE, is-salvagwardji għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-ġustifikazzjoni għaż-żamma ta' *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, rimedji effettivi u sorveljanza indipendenti.*

7. Id-drittijiet tat-tfal

Madwar 27 % tat-tfal fl-UE huma f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Waqt li dan huwa titjib żgħir meta mqabbel mas-snin ta' qabel, l-għanjiet tal-UE 2020 jibqgħu ma jistgħux jintlaħqu. Il-Pilastru tal-UE dwar id-Drittijiet Soċjali l-ġdid jista' jkollu rwol importanti fl-indirizzar tal-faqar tat-tfal. L-adozzjoni ta' direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għal tfal ssuspettati jew akkużati b'reat hija mistennija li ttejjeb is-sistemi tal-ġustizzja taż-żgħażaġh u ġġib aktar salvagwardji għal tfal f'kunflitt mal-liġi. Sadanittant, fl-2016, eluf ta' tfal migranti jew li kienu qed ifittxu ażil li kienu qed jivvjaġġaw wehdom jew flimkien mal-familji tagħhom komplew jaslu fl-Ewropa. Minkejja l-isforzi tal-Istati Membri tal-UE, l-għoti ta' kura u protezzjoni lil dawn it-tfal baqgħet sfida kbira. Difetti fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ppersistew, b'salvagwardji proċedurali implimentati b'mod inkonsistenti, bil-foster care li għandha rwol limitat u b'sistemi ta' tutela li ta' spiss mhumiex biżżejjed. Dawn ir-realitajiet enfażizzaw l-importanza li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar tfal mhux akkumpanjati jiġi sostitwit bi pjan ġdid dwar tfal f'migrazzjoni.

Bi kważi 27 %, il-proporzjon ta' tfal li jgħixu fir-riskju tal-faqar jew esklużjoni soċjali fl-UE jibqa' għoli. Minħabba li din hija l-medja tal-UE, il-proporzjon huwa ogħla f'ċerti Stati Membri u fost ċerti gruppi, bħat-tfal tar-Rom jew tfal b'oriġini migranti. Il-mira tal-Ewropa 2020 dwar it-tnaqqis tal-faqar għalhekk għadha 'l bogħod milli tintlaħaq. L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jeħtieġ li "It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom". Madanakollu, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jagħmlu fit enfasi dwar il-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali fis-Semestru Ewropew. L-UE ħadet numru ta' inizjattivi li jistgħu jsaħħu l-miżuri leġiżlattivi, politiċi u finanzjarji tal-Istati Membri, inkluża r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2013 dwar "Investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ", il-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali 2017-2020 u l-adozzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ffukat fuq it-tfal.

L-opinjoni tal-FRA 7.1

L-UE għandha tagħmel enfasi akbar fuq l-indirizzar komprensiv tal-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali fis-Semestru Ewropew – l-użu aħjar tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2013 – kif ukoll fl-inizjattivi li ġejjin, bħall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan jista' jinkludi li fis-Semestru Ewropew l-attenzjoni tiġi ffokata fuq dawk l-Istati Membri tal-UE fejn ir-rati tal-faqar tat-tfal għadhom għoljin u mhux mibdula fis-snin reċenti.

L-Istati Membri tal-UE, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, jistgħu janalizzaw u jirreplikaw, meta xieraq, fatturi ta' suċċess fil-liġi u f'politiki ekonomiċi u soċjali ta' dawk l-Istati Membri li fl-aħħar snin irnexxielhom itejbu s-sitwazzjoni tat-tfal u l-familji tagħhom.

Id-Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali hija pass importanti fil-qasam vitali u spiss kontenzjuż tal-ġustizzja. Ir-riċerka eżistenti, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-qrati nazzjonali, jenfasizzaw il-bżonn ta' miżuri ta' protezzjoni speċjali għal tfal f'kunflitt mal-liġi. Ir-riċerka tal-FRA dwar it-tfal u l-ġustizzja turi li l-qafas legali għas-salvagwardja tat-tfal huwa normalment fis-seħħ, iżda li l-implimentazzjoni prattika ta' tali leġiżlazzjoni tibqa' diffiċli, l-aktar minħabba nuqqas ta' għodod prattiċi, gwiida jew taħriġ għall-professionisti.

L-opinjoni tal-FRA 7.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom iwettqu reviżjoni nazzjonali biex jidentifikaw prattika u ostakli eżistenti, diskrepanzi jew dgħjufijiet fis-sistemi tal-ġustizzja għall-minorenni rispettivi tagħhom. Pjan ta' azzjoni għandu jsegwi din ir-reviżjoni nazzjonali biex jiddefinixxi miżuri ta' politika u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-garanzji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali. Dan jista' jinkludi taħriġ għal atturi ġudizzjarji jew l-iżvilupp ta' linji gwida prattiċi għal valutazzjonijiet individwali u sabiex it-tfal jiġu infurmati b'mod adattat għall-età tagħhom.

Tfal migranti u li qed ifittxu l-ażil komplew jaslu fl-Ewropa matul l-2016, waħedhom jew flimkien mal-familji tagħhom. L-evidenza miġbura mill-FRA turi li minkejja l-isforzi tal-Istati Membri hemm nuqqasijiet ċari fis-sistema ta' akkoljenza ta' tfal mhux akkumpanjati, bħal nuqqas ta' faċilitajiet speċjalizzati u l-ewwel akkoljenza ffullata jew inadegwata u faċilitajiet ta' transitu. It-tqegħid ta' tfal mhux akkumpanjati ma' familji tar-rispett għadha mhijiex għażla użata ħafna. L-evidenza tissuġġerixxi li l-għoti ta' kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza huwa vitali sabiex jiġi evitat it-traffikar u l-isfruttament tat-tfal, jew li t-tfal jiġu rrapportati nieqsa. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat numru ta' proposti għar-riforma tas-Sistema Ewropea ta' Ażil Komuni Ewropea, filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni 2011-2014 dwar Minorenni Mhux Akkumpanjati ma' għie imġedded.

L-opinjoni tal-FRA 7.3

L-UE għandha tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar it-tfal fil-migrazzjoni, inklużi tfal mhux akkumpanjati, twaqqaf prijoritajiet ta' politika u miżuri ċari biex jikkumplementa l-inizjattivi tal-Istati Membri tal-UE.

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu s-sistemi tagħhom tal-protezzjoni tat-tfal billi japplikaw standards nazzjonali dwar il-kura alternattiva għal tfal li qed ifittxu ażil u immigranti, u jiffokaw fuq il-kwalità tal-kura. Dan għandu jinkludi, kif stipulat mid-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza dwar, tqegħid ma' familji tar-rispett għal tfal mhux akkumpanjati. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jallokaw biżżejjed riżorsi għas-servizzi municipli li jipprovdu appoġġ lil tfal mhux akkumpanjati.

Il-ħatra ta' tutor għat-tfal kollha mhux akkumpanjati tibqa' sfida, kif turi l-evidenza miġbura mill-FRA. Il-kwistjonijiet prinċipali jirrigwardaw proċeduri ta' ħatra u skedi twal, diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' tuturi kkwalifikati, in-numru kbir ta' tfal assenjati lil kull tutor, u n-nuqqas ta' indipendenza u garanzji ta' imparzjalità tal-istituzzjonijiet tutela f'xi Stati Membri tal-UE. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza tinkludi titjib fis-sistemi tutela għal tfal mhux akkumpanjati. Il-proposta teħtieġ il-ħatra ta' tuturi li huma responsabbli biex jieħdu fieseb tal-aħjar interessi tat-tfal fl-aspetti kollha tal-ħajja tat-tfal, mhux biex jirrappreżentawhom legalment biss. B'kuntrast, il-proposti għal Direttiva dwar ir-Regolament ta' Dublin u l-Proċeduri tal-Ażil riveduta jeħtieġu biss il-ħatra ta' "rappreżentant legali" u mhux ta' "tutor".

L-opinjoni tal-FRA 7.4

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jressaq kunċett koerenti ta' sistemi tutela bi rwol ċar fil-ħarsien tal-aħjar interessi tat-tfal mhux akkumpanjati fl-aspetti kollha tal-ħajja tagħhom.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u l-awtoritajiet ikollhom rwol akbar fil-proċeduri ta' ażil u migrazzjoni li jinvolvu t-tfal. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw jew isaħħu s-sistemi tutela tagħhom u jallokaw ir-riżorsi neċessarji. Għandhom jiżguraw il-ħatra fil-pront ta' numru suffiċjenti ta' tuturi kkwalifikati u indipendenti għat-tfal kollha mhux akkumpanjati. Fl-aħħar nett, jistgħu jikkunsidraw prattiċi promettenti u riċerka u manwali eżistenti, bħall-Manwal dwar it-tutela għal tfal imċaħda mill-kura tal-ġenituri konġjunt tal-Kummissjoni Ewropea u tal-FRA, biex jappoġġjaw dan il-proċess.

8. Access għall-ġustizzja inkluż id-drittijiet tal-vittmi ta' kriminalità

L-atturi tal-UE u oħrajn internazzjonali indirizzaw sfidi varji f'oqsma ta' stat ta' dritt u ġustizzja matul is-sena kollha. Bosta Stati Membri tal-UE saħħew id-drittijiet ta' persuni ssuspettati jew akkużati b'reati sabiex jitttrasponu liġijiet sekondarji tal-UE rilevanti, u l-UE adottat direttivi ġodda li jintroduċu aktar salvagwardji. Ħafna Stati Membri ħadu wkoll passi sabiex itejbu l-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi sabiex jiksbu bidla effettiva għall-vittmi ta' reati, inkluż fil-kuntest ta' servizzi ta' sostenn. It-tliet Stati Membri finali tal-UE — il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja — iffirmaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul fl-2016, u b'hekk ġie enfazzat li l-Istati Membri kollha tal-UE jaċċettaw il-konvenzjoni bħala waħda li tiddefinixxi l-istandards Ewropej tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Sadanittant, il-konvenzjoni kompliet tissuġġerixxi diversi inizjattivi leġiżlattivi fuq livell tal-Istati Membri.

L-UE u atturi internazzjonali oħrajn fl-2016 komplew jindirizzaw l-isfidi kontinwi fl-oqsma tal-ġustizzja u, b'mod partikolari, l-istat tad-dritt. L-istat tad-dritt huwa parti minn u prerekwiżit għall-protezzjoni tal-valuri kollha elenkati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-iżviluppi li jimplikaw l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Polonja ħeġġew għall-ewwel darba lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni fi Stat Membru bbażata fuq il-Qafas tal-Istat tad-Dritt tiegħu. Dan irriżulta f'opinjoni formali segwita minn rakkomandazzjonijiet dwar kif il-pajjiż għandu jindirizza t-tħassib tal-istat tad-dritt nnotat. Wara li l-gvern Pollakk ċaħad dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet rakkomandazzjonijiet kumplementari, waqt li qieset l-aktar żviluppi reċenti fil-Polonja.

L-opinjoni tal-FRA 8.1

L-atturi rilevanti kollha fil-livell nazzjonali, inklużi l-gvernijiet, il-parlamenti u l-ġudikatura, għandhom bżonn iżidu l-isforzi biex iħarsu u jsaħħu l-istat tad-dritt. Dawn kollha għandhom ir-responsabbiltajiet li jindirizzaw it-tħassib tal-istat tad-dritt u għandhom rwol importanti fil-prevenzjoni ta' kwalunkwe erożjoni tal-istat tad-dritt. L-UE u atturi internazzjonali huma mħeġġa biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw kriterji oġġettivi komparattivi (bħal indikaturi) u valutazzjonijiet kuntestwali. Il-Polonja għandha tikkunsidra l-parir mill-mekkaniżmi Ewropej u internazzjonali ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni maħruġa bħala parti mill-proċedura tal-Qafas tal-Istat tad-Dritt tagħha.

Ħafna Stati Membri tal-UE komplew jipproponu emendi leġiżlattivi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttivi 2010/64/UE u 2012/13/UE — dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, u għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali — wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-direttiva. L-Istati Membri adottaw ukoll liġijiet ġodda biex jitttrasponu d-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat. Madankollu, l-evidenza tal-FRA mill-2016 turi, li Stati Membri tal-UE għad għandhom x'jagħmlu fir-rigward ta' dawn id-direttivi, b'mod partikolari fl-adozzjoni ta' miżuri ta' politika — bħal gwida konkreta u taħriġ dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni suspettati u akkużati. Hemm ukoll potenzjal mhux sfruttat għall-iskambju tal-għarfien, Prattiki tajbin u esperjenzi li jikkonċernaw t-tliet direttivi. Tali skambji jistgħu jikkontribwixxu għat-tfassil ta' sistema ta' ġustizzja tal-UE li taħdem f'sinerġija u tirrispetta d-drittijiet fundamentali.

L-opinjoni tal-FRA 8.2

L-Istati Membri tal-UE — li jaħdmu qrib il-Kummissjoni Ewropea u korpi tal-UE oħrajn — għandhom ikomplu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li d-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali jkunu riflessi kif xieraq fl-ordnijiet nazzjonali legali u implimentati b'mod effettiv madwar l-UE. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-għoti ta' gwida u taħriġ immirati Prattiki lill-atturi tal-ġustizzja kriminali, kif ukoll aktar possibilitajiet għall-komunikazzjoni bejn dawn l-atturi.



Fl-2016, ħafna Stati Membri tal-UE ffukaw fuq l-issodisfar tal-obbligi imposti mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi — bħal li jilfuq lil aktar vittmi u jsaħħu l-kapaċità u l-finanzjament ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, inklużi servizzi speċjalizzati għall-vittmi partikolarment vulnerabbli bħat-tfal. Xejra pożittiva notevoli kienet li aktar minn kwart tal-Istati Membri żiedu l-finanzjament għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, li wassal għall-espansjoni u t-titjib tas-servizzi. Minkejja l-progress, jibqa' distakk ċar f'diversi Stati Membri: in-nuqqas ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi — jiġifieri li mhux il-vittmi tal-kriminalità kollha madwar l-UE jistgħu jaċċessaw appoġġ li jista' jkun vitali għalihom biex jissodisfaw id-drittijiet tagħhom.

L-opinjoni tal-FRA 8.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jindirizzaw id-diskrepanzi fl-għoti ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi. Huwa importanti li wieħed jippermetti u jagħti setgħa lill-vittmi tal-kriminalità biex igawdu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom, b'konformità mal-istandards minimi stabbiliti fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. Dan għandu jinkludi t-tiżiż tal-kapaċità u l-finanzjament ta' servizzi komprensivi ta' appoġġ għall-vittmi li l-vittmi kollha tal-kriminalità jistgħu jaċċessaw mingħajr ħlas. F'konformità mad-direttiva, l-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu wkoll servizzi speċjalizzati għall-vittmi vulnerabbli, bħal tfal u vittmi ta' reati ta' mibegħda.

Fl-2016, l-aħħar tliet Stati Membri tal-UE (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja) iffirmaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul). Sadanittant, fi Stat Membru ieħor (il-Polonja) saru dikjarazzjonijiet dwar ir-rinunzja possibbli tal-impenji tagħha għall-konvenzjoni. Meta wieħed jiġi biex jiddetermina l-istandards Ewropej għall-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza, il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar punt importanti ta' referenza. B'mod partikolari, l-Artikolu 52 dwar ordnijiet ta' protezzjoni b'emerġenza jobbliga lill-partijiet biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħa li jordnaw lill-awtur ta' vjolenza domestika biex iħalli l-post fejn toqgħod il-vittma. Dan huwa f'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li teħtieġ li l-Istati Membri tal-UE jiżguraw li l-vittmi jkunu protetti kontra l-vittimizazzjoni ripetuta. Madanakollu, sal-lum, madwar nofs l-Istati Membri tal-UE biss promulgaw leġiżlazzjoni li timplimenta din l-għażla f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Barra minn hekk, huma ftit l-Istati Membri li għandhom leġiżlazzjoni rilevanti, valutazzjonijiet li jikkonċernaw l-effettività tagħha.

L-opinjoni tal-FRA 8.4

L-Istati Membri tal-UE kollha għandhom jikkunsidraw ir-ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u l-implimentazzjoni tagħha. F'konformità mal-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, u biex jiżguraw il-protezzjoni immedjata u affidabbli tal-vittmi ta' vjolenza domestika kontra vittimizazzjoni ripetuta, l-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw u jimplementaw b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet legali li jippermettu lill-pulizija biex jordnaw lill-awtur ta' vjolenza domestika biex joħroġ mir-residenzi tal-vittma u jibqa' f'distanza sikura mill-vittma. L-Istati Membri tal-UE li għandhom tali leġiżlazzjoni għandhom jeżaminaw l-effettività konkreta tagħha fuq il-post.

9. Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà

Għaxar snin wara li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD), il-konvenzjoni tkompli tneġġeg bidliet legali u politiċi sinifikanti fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Hekk kif l-attenzjoni qiegħda tiċċaqlaq bil-mod mill-ewwel mewġa ta' riformi relatati mas-CRPD għal fuq il-konsolidazzjoni tal-progress li sar, ir-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami u l-mekkaniżmi ta' lmenti fil-livelli internazzjonali, Ewropej u nazzjonali qed isiru dejjem aktar importanti fl-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fl-implimentazzjoni persistenti. L-oqfsa ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 33 (2) tal-konvenzjoni jistgħu jkunu għodod essenzjali biex jixprunaw segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, partikolarment dawk li jirriżultaw minn rieżamijiet tal-Kumitat tas-CRPD – iżda jeħtieġu indipendenza, riżorsi u pedamenti legali solidi biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom b'mod effettiv.

Wara r-reviżjoni tal-2015 tal-progress tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-CRPD, l-istituzzjonijiet tal-UE ħadu firxa ta' miżuri leġiżlattivi u ta' politika biex isegwu xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tas-CRPD, jenfasizzaw l-impenn tal-Unjoni li tilħaq l-obbligi tagħha skont il-konvenzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet estensivi tal-Kumitat stipulaw pjan ta' azzjoni għal azzjoni legali u ta' politika madwar l-isfera ta' kompetenza tal-UE u huma rilevanti għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE.

L-opinjoni tal-FRA 9.1

L-UE għandha tagħti eżempju pożittiv billi tiżgura l-implimentazzjoni rapida tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tas-CRPD biex tkompli l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjoni. Dan ser jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE – ikkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea bħala punt fokali għall-implimentazzjoni tas-CRPD – kif ukoll mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà. Il-modalitajiet għal din il-kooperazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fi strateġija trasversali għall-implimentazzjoni tas-CRPD, kif irrakkomandat mill-Kumitat tas-CRPD.

Azzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-CRPD għenu fil-promozzjoni ta' riformi legali u ta' politika

estensivi madwar l-UE fl-2016, mill-aċċessibilità għall-edukazzjoni inklużiva, il-parteċipazzjoni politika u l-għajxien indipendenti. Madanakollu, xi inizjattivi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri ma jinkorporawx b'mod sħiħ l-approċċ għad-diżabbiltà bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem meħtieġ mis-CRPD, jew m'għandhomx il-gwida ta' implimentazzjoni ċara meħtieġa biex tagħmilhom effettivi.

L-opinjoni tal-FRA 9.2

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jintensifikaw l-isforzi biex jintegraw l-istandards tas-CRPD fl-oqfsa legali u ta' politika tagħhom biex jiżguraw li l-approċċ għad-diżabbiltà bbażat fuq id-drittijiet, kif stabbilit fis-CRPD, ikun rifless b'mod sħiħ fil-liġi u fit-tfassil ta' politiki. Dan jista' jinkludi reviżjoni komprensiva tal-leġiżlazzjoni għall-konformità mas-CRPD. Il-gwida dwar l-implimentazzjoni għandha tinkorpora miri u skedi ċari, u tidentifika l-atturi responsabbli għar-riformi.

Proġetti ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE (FSIE) li ntlaħaq ftehim dwarhom fl-2016 juru li f'ħafna oqsma, inizjattivi biex jiġi implimentat is-CRPD fi Stati Membri tal-UE x'aktarx li jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju tal-FSIE. Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* – kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti qabel ma l-fondi jkunu jistgħu jintefqu – jistgħu jgħinu biex jiżguraw li l-fondi jikkontribwixxu biex titkompla

L-implimentazzjoni tas-CRPD. Kif il-proġetti ffinanzjati mill-FSIE jibdew isiru disponibbli, il-kumitati ta' monitoraġġ fil-livell nazzjonali ser ikollhom rwol aktar importanti x'jaqdu fl-iżgurar li l-fondi jilhqur-reqwiziti tas-CRPD.

L-opinjoni tal-FRA 9.3

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu passi rapidi biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tal-kundizzjonalitajiet ex ante marbuta mad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà biex jiġi massimizzat il-potenzjal għal Fondi Strutturali u tal-Investment tal-UE (FSIE) biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tas-CRPD. Sabiex jippermettu monitoraġġ effettiv tal-fondi u r-riżultati tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu passi wkoll biex jiżguraw għir ta' data adegwat u xieraq dwar kif jintużaw l-FSIE.

L-evidenza miġbura mill-FRA fl-2016 turi r-rwol importanti li l-mekkaniżmi tal-ilmenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji jista' jkollhom fl-identifikazzjoni tal-lakuni fl-implimentazzjoni tas-CRPD u fl-ikkjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tar-reqwiziti tal-konvenzjoni. Diversi każijiet li jikkonċernaw in-nondiskriminazzjoni fl-impjeg iservu biex jenfasizzaw il-komplementarjetà u r-rilevanza reċiproka ta' standards fil-livelli tan-NU, tal-UE u nazzjonali.

L-opinjoni tal-FRA 9.4

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu passi biex iżidu l-għarfien tas-CRPD fost il-mekkaniżmi tal-ilment ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji rilevanti biex isaħħu aktar l-irwol importanti ta' dan tal-aħħar fl-iżgurar tal-implimentazzjoni tas-CRPD. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ u jistabbilixxi modalitajiet għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki nazzjonali.

Sa tmiem l-2016, l-Irlanda biss ma kinitx irrifikat is-CRPD, għalkemm ir-riformi ewlenin li jwittu t-triq għar-ratifika issa qiegħdin fis-seħħ. Barra minn hekk, ħames Stati Membri u l-UE għandhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD, li jippermetti lill-individwi jressqu lmenti lill-Kumitat tas-CRPD u lill-Kumitat li jagħti bidu għal inkjesti kunfidenzjali malli jirċievi "informazzjoni affidabbli li tindika ksur gravi jew sistematiku" tal-konvenzjoni (Artikolu 6).


L-opinjoni tal-FRA 9.5

Stati Membri tal-UE li għandhom ma sarux parti għas-CRPD, u/jew il-Protokoll Fakultattiv tagħha għandhom jikkunsidraw li jlestu l-passi meħtieġa biex jiggarantixxu r-ratifikazzjoni tagħhom mill-aktar fis possibbli biex tintlaħaq ratifika sħiħa u mifruxa mal-UE kollha ta' dawn l-istrumenti. L-UE għandha tikkunsidra wkoll li tiegħu passi rapidi biex taċċetta l-Protokoll Fakultattiv.

Erbgħa mis-27 Stat Membru tal-UE li rratifikaw is-CRPD kienu għandhom, sal-aħħar tal-2016, ma stabbilixxewx jew indikaw oqfsa biex jipromwovu, jipproteġu u jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni, kif mitlub skont l-Artikolu 33 (2) tal-konvenzjoni. Barra minn hekk, l-evidenza tal-FRA turi li l-funzjonament effettiv ta' xi oqfsa eżistenti huwa imminat minn riżorsi insuffiċjenti, nuqqas ta' bażi legali soda, u nuqqas ta' żgurar ta' parteċipazzjoni sistematika ta' persuni b'diżabbiltà, kif ukoll nuqqas ta' indipendenza skont il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

L-opinjoni tal-FRA 9.6

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw l-allokkazzjoni tal-oqfsa ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) tas-CRPD riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti u stabbli. Dan jippermettilhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv u jiżgura l-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tas-CRPD. Kif stipulat fl-Opinjoni legali tal-FRA tal-2016 li tikkonċerna r-reqwiziti skont l-Artikolu 33(2) tas-CRPD f'kuntest tal-UE, għandhom jikkunsidraw ukoll li jiggarantixxu s-sostenibbiltà u l-indipendenza ta' oqfsa ta' monitoraġġ billi jiżguraw li dawn jibbenefikaw minn bażi legali soda għax-xogħol tagħhom u li l-kompożizzjoni u l-operat tagħhom iqisu il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.



Diversi sforzi kemm fuq livelli tal-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali fittxew li jsaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-2016, waqt li xi miżuri heddew li jnaqqsu din il-protezzjoni. *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2017 tal-FRA jirrevedi l-iżviluppi prinċipali fl-UE bejn Jannar u Diċembru 2016, u jagħti deskrizzjoni tal-opinjoni tal-FRA dwar dawn.* Filwaqt li jinnota kemm ksbiet kif ukoll oqsma ta' tħassib li għad fadal, huwa jipprovdi intuiviti fil-kwistjonijiet ewlenin li jsawru d-dibattiti dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE.

It-taqsimha ta' ffukar ta' din is-sena tagħti rendikont ta' 10 snin ta' żviluppi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali fl-UE. Il-bqija tal-kapitoli jiddiskutu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; ażil u migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Aktar informazzjoni:

Għar-Rapport tad-Drittijiet Fundamentali tal-2017 (*Fundamental Rights Report 2017*) tal-FRA sħiħ – ara <http://fra.europa.eu/en/publication/2017/fundamental-rights-report-2017>

Ara wkoll pubblikazzjonijiet tal-FRA relatati:

- FRA (2017), *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2017 – Opinjonijiet tal-FRA*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <http://fra.europa.eu/en/publication/2017/fundamental-rights-report-2017-fra-opinions> (disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE)
- FRA (2017), *Between promise and delivery: 10 years of fundamental rights in the EU*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <http://fra.europa.eu/en/publication/2017/10-years-fundamental-rights>, (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż)

Għal rapporti Annwali tal-FRA preċedenti fuq l-isfidi tad-drittijiet fundamentali u l-ksbiet fl-Unjoni Ewropea f'sena speċifika, ara: <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/annual-reports> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2017
Ritratti: © iStockphoto; Il-Kummissjoni Ewropea; OSCE (Milan Obradovic)

FRA – L-AĠENZJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel +43 158030-0 – Fax +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
[facebook.com/fundamentalrights](https://www.facebook.com/fundamentalrights)
[linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency](https://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency)
twitter.com/EURightsAgency



Print: ISBN 978-92-9491-684-6, doi:10.2811/01024
PDF: ISBN 978-92-9491-679-2, doi:10.2811/1481